



C/2023/624

13.11.2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Settembru 2023 – Fachverband Spielhallen eV, LM vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

(Kawża C-831/21 P) ⁽¹⁾

(Appell – Ghajjnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Kunċett ta' "ghajjnuna" – Kundizzjoni marbuta mal-vantaġġ selettiv – Trattament fiskali tal-operaturi tal-każinòs pubbliċi fil-Ġermanja – Soprataxxa fuq il-profitti – Tnaqqis parzjali tal-ammonti mħallsa fir-rigward ta' din is-soprataxxa mill-bażi tal-imposta fuq id-dħul jew fuq il-kumpanniji u tat-taxxa tal-kummerċ – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea – Ċaħda ta' lment fi tmiem il-fażi preliminari ta' investigazzjoni minħabba l-assenza ta' ghajjnuna mill-Istat ikkostitwita minn dan it-tnaqqis – Konstatazzjoni distinta tal-ineżistenza ta' vantaġġ ekonomiku u ta' assenza ta' selettività – Rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea limitat għall-konstatazzjoni tal-assenza ta' selettività – Natura ineffettiva tar-rikors – Identifikazzjoni mill-Kummissjoni tas-sistema ta' referenza jew tas-sistema fiskali "normali" – Interpretazzjoni għal dan l-għan tad-dritt fiskali nazzjonali applikabbli – Klassifikazzjoni tas-soprataxxa fuq il-profitti bħala "imposta speċjali" li tista' titnaqqas abbażi tal-"ispejjeż ikkawżati mit-tranżazzjonijiet kummerċjali" – Prinċipju ta' ultra petita)

(C/2023/624)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Fachverband Spielhallen eV, LM (rappreżentanti: A. Bartosch u R. Schmidt, Rechtsanwälte)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn K. Blanck u B. Stromsky, sussegwentement minn B. Stromsky, aġenti), Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller u R. Kanitz, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Ottubru 2021, Fachverband Spielhallen u LM vs Il-Kummissjoni (T-510/20, ECLI:EU:T:2021:745), huwa annullat.
- 2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

⁽¹⁾ ĠU C 198, 16.5.2022.